Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Godfrey Vella

Vs

Finish Furnish Ltd - Casafini

CCT 161/25/CC

Illum 30 ta' Jannar 2026

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attur ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2025, fejn talab rifuzjoni ta' l-ammont ta' mija, seba' u hamsin ewro, u erbatax- il centezmu (€157.14c) rappreżentanti rifuzjoni parzjali minn prezz akbar imhallas mill-attur fuq ordni ta' madum.

Ra li s-socjeta intimata debitamenta notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ippreżentat l-ebda risposta, u lanqas deher rappreżentant ta' l-istess socjeta ghas-seduta skedata ghal provi tal-partijiet.

Sema' lil attur Godfrey Vella jixhed bil-gurament fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2025.

Ra l-atti kollha tal-kawza, inkluz id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-attur fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li f'Mejju 2023 l-attur ghamel ordni ta' madum minghand is-socjeta intimata, liema ordni irrizulta li kien fiha xi madum difettuz. Irrizulta li l-attur kien inaghata nota ta' kreditu (credit note) fl-ammont ta' mija, seba' u hamsin ewro, u erbatax- il centezmu (€157.14c). Sussegwentement, l-attur jispjega li meta mar sabiex isarraf in-nota ta' kreditu, gie infurmat li l-kumpanija ma kienetx baqghet topera.

Huwa gie dirett sabiex izur mahzen fil-telgha ta' Kordin, Rahal Gdid, sabiex jara xi materjal u jkun jista isarraf in-nota ta' kreditu moghtija lilu. Madankollu, l-attur jispjega li ma kien hemm xejn li huwa seta' jsarraf in-nota ta' kreditu, u ghalhekk, talab li jinghata l-flus lura.

Minkejja diversi tentattivi, sabiex l-attur jinghata l-flus lura, dan ma sehhx, u ghaldaqstant, huwa kellu jirrrikorri ghal dawn il-proceduri.

Da parti taghha, s-socjeta intimata tinsab fi stat ta' kontumacja, u fis-seduta appuntata ghal provi tal-partijiet, ma deher hadd in rapprezentanza tas-socjeta ntimata sabiex tiggustifika l-istat ta' kontumacja.

Illi t-Tribunal, wara li sema' l-attur, jixhed bił-gurament fis-seduta tat-28 ta' Ottubrul 2025, u wara li ra d-dokumenti ezebiti mill-attur, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attur ghandha timmerita konferma.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher car li l-attur irnexxielu jipprova l-istanza tieghu sal-grand rikjest mill-Ligi, u ghalhekk it-Talba avvanzata minnu ghandha tigi milqugha, b'dan li s-socjeta intimata ghandha thallas lil attur s-somma ta' mija, seba' u hamsin ewro, u erbatax- il centezmu (€157.14c) rapprezentanti rifuzjoni parzjali minn prezz akbar imhallas mill-attur fuq ordni ta' madum.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attur ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta intimata.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru